# Torri tar-Ramel

Elena Cardona

Fis-sikta ta' waranofsinhar,
meta kulħadd kien medhi jiċċaċċra ma' ta' ħdejh,
ħadd ma nduna bil-wasla siekta tiegħek.

Raġel b'sigarru jinten, imdendel ma' xufftejh,
b'idu x-xellugija jitfa' l-karawett inkaljat ġo ħalqu,
u bl-oħra jibgħat messaġġ lill-maħbuba.
Martu, faċċata, rasha mgħaddsa ġo ktieb oħxon;
toħlom li xi darba żewġha jkun romantiku bħal Tommy tal-ġara.

Tfajla titliegħeb u tixxemmex,
seħibha, jammira dan il-ġmiel, li qed iqanqlu.
Ma jistax jirreżisti l-vulkan ibaqbaq
u lanqas jista' jaħbi l-muntanja dejjem tikber u tibbies taħt żaqqu.

U int, għadek tistenna li jilqgħuk.
Waqt li tħalli l-mewġa mielsa tilgħab ma' wiċċek
u r-ramel jgħarraxlek xufftejk.

Fil-qrib, geġwiġija tfal,
kollha jgħajtu jibnu torri tar-ramel,

kbir u maestuż, b'bandiera blu tperper.
It-tfal - li ma jaqblux bejniethom -
jiddiskutu d-difiża tat-torri mill-għadu qalil.

U int anġlu/serena/tifel, għadek hemm.
Ħadd ma nduna bik, lanqas dawn it-tfal tamparek fl-età.
Bqajt mitlufa f'ħolma ħelwa.
Sakemm fotografu nduna bik u klikk ...
id-dinja kollha daqqitlek it-trombi.